9 ta' Mejju, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., ne. et.

*versus*

Perit Joseph Zammit Bonet, B.E.A., A. & C.E. et.

**Appell — Risposta — Terminu — Sfilz — Konklużjoni tal-Process — Art. 227 (3) u (4), u art. 152 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Ir-risposta ta' appellat għal rikors ta' appell għandha tiġi preżentata fi żmien jumejn tas-sogħol mill-jum li fih l-appellat ikun ġie noti-*

*fikat bir-rikors ta' l-appell; u l-proċediment fuq dan l-appell jiġi magħluq malli jagħlaq dan it-terminu.*

*Risposta preżentata wara l-għeluq ta' dan iż-żmien hija illegali, u t-talba ta' l-appellant biex dik ir-risposta tiġi sfilzata, bħala serotina, għandha tiġi milqugħa.*

*Iżda l-isfilz tar-risposta ma jippreklu dix lill-parti li naqset tippreżenta risposta fit-terminu milli tidher fl-appell u ġġib il-provi; għax b'hekk dik il-parti ma tiddekadix mid-dritt ta' udjenza orali fl-appell.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors preżentat fid-29 ta' Marzu, 1955, mill-appellanti nomine (fol. 109), li wara li esponew li r-rikors tal-appell minnhom preżentat fil-15 ta' Frar 1955, ġie notifikat lill-konvenuti Periti Joseph Zammit Bonett u Professur Joseph Colombo fit-23 ta' Frar 1955, u li huma kellhom jumejn żmien biex jirrispondu; u li bin-nuqqas ta' din ir-risposta fiż-żmien, il-proċess fuq l-appell jingħadd magħluq bl-għeluq taż-żmien fuq imsemmi (art. 227 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili — Kap. 15); u illi, b'dana kollu, l-imsemmijn konvenuti appellati ppreżentaw risposta fil-25 ta' Marzu 1955, liema risposta ġiet notifikata fit-28 ta' l-istess xahar; u illi l-preżentazzjoni ta' dik ir-risposta hija għalhekk illegali; talbu li l-imsemmija risposta tiġi sfilzata;

Rat ir-risposta oppożitorja għal dik it-talba, preżentata mill-appellati Periti Zammit Bonett u Professur Colombo;

Rat ir-rikors l-iehor preżentat mill-appellanti nomine fis-16 ta' April 1955 (fol. 113), li bih, wara li esponew li l-imsemmi rikors ta' l-appell, minnhom preżentat fil-15 ta' Frar 1955, ġie notifikat lill-konvenut Reverendu Patri Pietro mill-Furjana nomine fit-23 ta' Frar 1955, u li dana kellu jumejn tax-xogħol biex jirrispondi, u li bin-nuqqas ta' din ir-risposta fiż-żmien il-proċess fuq l-appell għandu jingħadd magħluq bl-għeluq taż-żmien fuq imsemmi (art. 227 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili — Kap. 15); u li, b'dana kollu, l-imsemmi appellat nomine ppreżenta risposta fil-25 ta' Marzu 1955, liema risposta ġiet notifikata fl-14 ta' April 1955; u li l-preżentazzjoni ta' dik ir-risposta hija għalhekk illegali; talbu li l-imsemmija risposta tiġi sfilzata mill-proċess;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi n-nir-riferta tal-marixxall, eżistenti fil-fol. 102 tergo tal-proċess, jirriżulta li l-imsemmijin konvenuti Periti Joseph Zammit Bonett u l-Professur Joseph Colombo u Patri Pietro mill-Furjana nomine ġew notifikati bir-rikors tal-appell ta' l-atturi nomine fit-23 ta' Frar 1955, mentri huma rrispondew għal dak ir-rikors iżjed minn xahar wara, jiġifieri fil-25 ta' Marzu 1955 (fol. 105 u 106). Skond il-liġi (art. 227 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15), l-imsemmijin konvenuti appellati messhom ippreżentaw dawk ir-risposti fi żmien jumejn tax-xogħol mill-jum li huma ġew notifikati bir-rikors, u l-proċess fuq dan l-appell kien magħluq bl-għeluq ta' dak iż-żmien (art. 227 (4) tal-Kodiċi ċitat). Ladarba huma ma ottemperawx mad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmijin, u ħallew jgħaddi inutilment it-terminu mill-istess liġi prefiss għall-preżentazzjoni tar-risposti tagħhom, huma ma setgħux jippreżentaw dawk ir-risposti wara li għalaq iż-żmien stabbilit u wara li l-proċess kien jinsab konkjuż bl-għeluq ta' dak iż-żmien. Għaldaqshekk it-talba tal-appellanti nomine biex l-imsemmijin risposti jiġu sfilzati mill-proċess hija attendibili mħabba l-preżentazzjoni serotina, u għal hekk illegali, tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi waqt it-trattazzjoni orali dwar l-inċident in eżami d-difensur tal-appellanti ssottometta li t-talba tiegħu għall-isfilz tar-risposti fuq imsemmijin, jekk tiġi milqugħa, għandha ġġib magħha l-konsegwenzi kontemplati fl-art. 152 ta' l-imsemmi Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi li "n-nuqqas tal-preżentata ta' skrittura mhux ta' xkiel għall-parti li kellha l-jedd li tippreżenta dik l-iskrittura milli jidher fis-smiegħ tal-kawża u li ġġib il-provi tagħha, jekk hija tagħti, fil-fehma tal-Qorti, raġuni tajba tan-nuqqas ta' dik il-preżentata";

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmija pretensjoni tal-appellanti ma tistax tiġi milqugħa; għar-raġunijiet hawn taħt miġjuba:—

(a) Għaliex id-dispożizzjoni fuq riportata tal- art. 152

*tinsab migjuba* taħt it-Titolu li jirrigwarda l-proċediment b'li-bell jew b'petizzjoni, u għalhekk hija applikabili għal dawn il-proċedimenti biss, billi mhix ta' natura u ta' indoli ġene-rali ;

(b) U għaliex , trattandosi ta' dispożizzjoni li timporta dekadenza, *ma tistax tiġi* estensivament interpretata jew ap-*plikata* b'*analoġija għal kaži oħra* ;

Ikkunsidrat ;

Illi lanqas tista' din id-dekadenza mid-dritt ta' udjenza orali tiġi argumentata mid-dispost tas-subartikolu (4) tal-art. 227 fuq ċitat, li jgħid li l-proċess fuq appell minn digriet in-terlokutorju jingħadd magħluq bir-risposta tal-appellat jew bl-għeluq taż-żmien *li* hemm mogħti għaliha. Infatti (a) dak id-dispost jirriferixxi għall-proċess skritt, u mhux għal dak orali, (b) l-iskop ta' dik id-dispożizzjoni hu li tiġi aċċelerata il-konklużjoni tal-proċess skritt sabiex jista' jitressaq għall-appuntament tiegħu fuq il-lista tal-kawżi għat-trattazzjoni, u (c) fejn il-liġi riedet tippreskludi l-kontumaċi fil-proċess skritt milli jkollu d-dritt ta' l-udjenza orali, qalitu espressament, bħal ma għamlet fl-art. 158 (10) Kap. 15, għar-rigward ta' min jonqos li jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Għar-raġunijiet fuq migjuba ;

Tiddirimi l-inċident fis-sens *li tilqa'* t-talba ta' l-appel-lanti nomine, kontenuta fir-rikorsi tagħhom tad-29 ta' Marzu, 1955, u tas-16 ta' April, 1955, (fol. 109 u 113 tal-proċess), u għalhekk tordna l-isfilz tar-risposti ta' l-appellati Periti Zam-mit Bonnet u Professur Colombo u Patri Pietro mill-Furjana nomine, eżistenti fil-fol. 105 u 106 tal-proċess, mingħajr pre-ġudizzju li jidħru fit-trattazzjoni ta' dan l-appell;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-imsemmijin ap-pellati Periti Zammit Bonett u Professur Colombo u Patri Pietro mill-Furjana nomine.